**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 242/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Salvino Debrincat**

Illum, 25 ta' Novembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Salvino Debrincat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 401260(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-20 ta' Diċembru 2019, ġewwa Santa Venera, mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Marjoriane Ruggier u/jew persuna jew persuni oħra fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor. Il-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' ħtija ai termini tal-Art. 377(5) tal-Kap. 9, tordna t-tneħħija ta' kull disordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat, jew li tordna lill-akkużat sabiex jikkonforma ruħu mal-liġi fi zmien mogħti lilha taħt dik il-penali li jogħġobha timponi l-Qorti fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi, u ċioe l-Artikoli 85 u 377(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkuża kif dedotta kontra tiegħu u kkundanatu għal multa ta' mija u ħamsin Ewro. In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 377(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat ineħħi l-ħajt in kwistjoni b'tali mod li jerġa jqiegħed lill-kwerelanti fl-istess tgawdija tal-użu tat-twieqi u dan fi żmien ġimgħa mill-lum, taħt ammenda ta' għaxar Euro kuljum, għal kull ġurnata li din is-sitwazzjoni tibqa' kif inhi.

Rat ir-rikors tal-appellant Salvino Debrincat, ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022, fejn talab lil din l-Qorti tannulla s-sentenza appellata mogħtija fit-3 ta' Mejju 2022 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-konfront tiegħu, u alternattivament tirrevoka l-istess sentenza appellata, fis-sens li fejn sabet lill-appellant ħati, għar-raġunijiet suesposti tiddikjarah mhux ħati u kwindi tilliberah minn kwalsiasi imputazzjoni, ħtija u piena, u alternattivamen f'kaz li tinstab ħtija fl-appellant, tannulla l-parti tas-sentenza fejn ġie applikat l-artikolu 377(5) tal-Kap. 9 fil-konfront tal-appellant, u alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka l-ordni biex jitneħħa l-ħajt in kwistjoni u tħassar u tirrevoka l-ordni taħt l-artikolu 377(5) tal-Kap. 9 li permezz tiegħu l-appellant kien marbut wara l-għoti tas-sentenza.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju vventilat minnu, l-appellant iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata. Huwa jisħaq li fiċ-ċitazzjoni, l-appellant kien mixli li

wettaq ir-reat maħsub fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali 'l hekk imsejjaħ ta' *raggion fattasi* fil-konfront ta' Marjoriane Ruggier, nhar l-20 ta' Diċembru 2019, filwaqt li fis-sentenza appellata, d-data taqra l-20 ta' Settembru 2019, u minħabba f'hekk, l-istess sentenza appellata għandha tiġi ddikjarata nulla u bla effett.

Illi, l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġi ta' Malta jiddisponi illi "*Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*" Fuq kollox-

> ***Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redetta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza***.[1]

Illi, għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, speċjalment fil-każ ta' kawzi sommarji, dejjem ġie ritenut li r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet huwa bizzejjed sabiex jissodisfa r-rekwizit tal-"fatti" hekk kif imsejjes fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali appena ċċitat[2]. Minn ezami akkurat tal-atti proċesswali, jirriżulta li l-uniku aċċenn għad-data meta allegatament seħħ ir-reat jinsab biss fl-ewwel paragrafu tas-sentenza mpunjata, fejn l-Ewwel Qorti tindika l-istess bħala "*l-20 ta' Settembru 2019*". Issa kemm miċ-ċitazzjoni, kif ukoll mill-bqija tal-provi prodotti f'dan il-każ, jirriżulta kjarament li d-data meta allegatament ġie kommess ir-reat ma kenitx dik tal-20 ta' Settembru 2019, hekk kif indikat mill-Ewwel Qorti, pero' kienet dik ta'l-20 ta' Diċembru 2019. Illi għalkemm l-Qorti temmen li dan kien kaz ta' *lapsus calami*, jew aħjar *lapsus computetri*, madanakollu, stante li dak kien

[1] "Il-Pulizija vs Emanuel Zammit" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar 1986 & "Il-Pulizija vs Michael Zarb" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014.
[2] Ara Il-Pulizija vs Peter Abdilla tat-28.7.2010, Il-Pulizija vs Mariella Caruana tal-15.12.2010, Il-Pulizija vs John Tanti tal-24.1.2013 u Il-Pulizija vs Carmel Polidano tal-11.12.2013.

l-uniku aċċenn li sar mill-Ewwel Qorti għal fatt marbut maż-żmien temporali meta allegatment kien kommess ir-reat, dan ifisser illi r-reita' kienet misjuba għal fatti li ma jirriżultawx mill-atti.

Illi kien deċiż:

> **"Illi dwar l-ewwel aggravju hu minnu li l-akkuza fic-citazzjoni kienet tirriferi ghad-data tal-5 ta' Marzu, 2004 (Fol. 1). Inspjegabbilment pero', fis-sentenza traskritta w dattilografata li tinsab fil-process, id-data ghal darbtejn giet ittajpjatha "15" minnflok "5", kif suppost u skond ma jirrizulta kemm mill-akkuza kif ukoll mill-provi. Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti jidher ben fondat bhala fatt.**
>
> **Illi mill-process ma jirrizultax li kien hemm xi sentenza originali miktuba mill-Magistrat di proprio pugno li turi d-data korretta, f' liema kaz din il-Qorti kienet toqghod fuq id-data f' tali sentenza originali. Ghalhekk din il-Qorti trid bil-fors toqghod fuq is-sentenza traskritta li fiha zball manifest fid-data.**
>
> **Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-Avukat Generali jikkoncedi li hemm zball fis-sentenza appellata izda jikkontendi li dan hu kaz ta' "lapsus calami" (ossia pjuttost "lapsus computetri") u li mir-ricerki tieghu ma sab ebda gurisprudenza specifika li tirregola din il-kwistjoni, pero' b' riferenza generika ghall-gurisprudenza, sostna li dan l-izball ma jwassalx ghall-assoluzzjoni tal-appellanti. Invece, fin-nota taghha, l-appellanti zammet ferm l-ewwel aggravju taghha. Ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. James Camilleri" [26.10.2006] u argumentat li dan l-izball igib in-nullita' tas-sentenza appellata.**
>
> **Illi fil-verita' s-sentenza li saret riferenza ghaliha mid-difiza fin-nota taghha kienet tirriferi ghal nullita' tas-sentenza ghax din kienet turi data differenti mid-data li fil-fatt jirrizulta mill-process li kienet inghatat. Din il-Qorti kienet effettivament irriteniet li ma setghetx tikkorregi tali zball u ghalhekk annullat is-sentenza. Dan il-kaz hu alkwantu differenti ghaliex hawn l-izball qieghed fid-data tal-kommissjoni tal-allegat reat. Mill-banda l-ohra is-sentenza citata fin-nota tal-Avukat Generali kienet ukoll tirrigwarda zball ta' natura differenti minn dak in ezami w ftit li xejn tghin fis-soluzzjoni tal-vertenza. Li hu zgur hu li s-sentenza appellata ma tistax treggi kif inhi ghax issib lill-appellanti hatja li kkommettiet reat f'data meta kemm mill-istess akkuza kif ukoll mill-provi mismugha manifestament jidher li f'dik id-data ma jirrizulta li kkommettiet ebda reat. Jidher ghalhekk li l-ewwel aggravju ghandu jigi milqugh kif ukoll tigi milqugha t-talba tal-appellanti biex is-sentenza tigi annullata[3]."**

---

[3] App. Krim. 25/01/2007 – Il-Pulizija vs Josephine Grixti 349/2006

Illi espost dan l-insenjament ġurispridenzjali għalhekk il-Qorti tqies illi l-appellant għandu raġun f'dan l-ewwel aggravju minnu ntentat u allura qed tiddikjara is-sentenza appellata nulla, w a tenur tal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, peress li l-iżball kontenut fis-sentenza appellata jikkostitwixxi ksur ta' formalita' ta' natura sostanzjali ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-kawża fuq il-mertu hija stess, għaliex f' dan il-każ ma hemmx il-htiega tad-*doppio esame*, trattandosi ta' zball ta' natura ta' "*lapsus computetri*", li jolqot biss id-data tal-allegat reat u mhux is-sustanza tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi irrispettivament mid-drittijiet ta' natura ċivili spettanti lill-ko-litigandi dwar drittijiet petitorji u drittijiet ta' servitu' ta' prospett, dawl u arja, huwa indubitat illi hemm kwistjoni dwar il-ftuħ ta' twieqi mill-kwerelanti għal fuq il-proprjeta' tal-appellant xi żmien ilu lura fis-sena 2010. Illi dan jirriżulta minn ittra uffiċjali eżebita in atti, a fol.36 tal-proċess, fejn l-appellant u il-ko-proprjetarji miegħu lmentaw illi l-kwerelanti biddlet "b'mod radikali" is-servitujiet u id-drittijiet li il-fond tagħha kien igawdi fuq il-bejt tal-fond tal-appellant. Jidher li dan seħħ meta loġġja tal-ħġieġ li kienet tagħti għal fuq dan il-bejt inbiddlet f'ħajt u żewġt twieqi. Jidher illi wara din l-ittra uffiċjali li saret fis-27 ta' Awwissu 2010, l-appellant u l-ko-proprjetajri l-oħra ma ħadu ebda passi ulterjuri kontra l-kwerelanti. Issa l-att allegatment spoljattiv li ta lok għal dawn il-proċeduri seħħ meta l-appellant bena ħajt fuq l-arja tal-proprjeta' tiegħu liema ħajt għalaq l-arja u d-dawl li kienu jirċievu dawn it-twieqi. Jidher illi llum din il-kontestazzjoni bejn il-ko-ltigandi qed tkun dibattuta fil-*forum* ċivili quddiem il-Prim'Awla, rikors numru 760/2022.

Dan magħdud madanakollu f'dan il-*forum* ta' natura penali il-Qorti ċertament ma hijiex imsejħa biex tiddetermina xi drittijiet petitorji jew ta' servitu' li xi parti jew oħra tista' tgawdi, iżda unikament sabiex tara jekk l-elementi ta' dritt meħtieġa sabiex jissussiti ir-reat hekk imsejjaħ ta' *raggion fattasi* jirriżultawx ippruvati.

Illi huwa inkontestat illi jeżistu dawn it-twieqi, jew dawk li l-appellant isejjaħ bħala aperturi, bejn il-proprjeta' tal-kwerelanti u tal-appellant li jagħtu id-dawl u l-arja lil proprjeta' tal-kwerelanti. Illi huwa fatt inkontestat ukoll illi l-appellant bena ħajt b'tali

mod illi dawn l-aperturi ġew imbarrati u dan mingħajr ma kiseb il-kunsens preventiv tal-kwerelanti. Igħid hekk Michael Buttiġieġ, li huwa s-sid tal-proprjeta' li jokkupa l-appellant:

> **"Il-ħajt il-ġdid ittella' eżatt mal-ħajt li kien hemm qabel biex għattejna dawk iż-żewġi itwieqi li kienu jagħtu għal fuqna ...[4]"**

Illi jirriżulta ukoll illi dawn l-aperturi li ħadu post il-loġġja li kien hemm qabel saru mill-kwerelanti madwar erbatax-il sena ilu fejn allura din tħalliet fit-tgawdija ta' din is-servitu'. Mhux biss iżda jidher illi skont dak dikjarat fl-ittra uffiċjali tas-27 ta' Awwissu 2010 minn dejjem kien jeżisti dritt ta' servitu' mill-fond dominanti għal fuq il-fond serventi, bl-appellant jilmenta illi bit-tibdil strutturali li għamlet il-kwerelanti fil-loġġja li kien hemm fil-proprjeta' tagħha, fil-fehma tiegħu, hija biddlet in-natura ta' din is-servitu'. Dan ifisser, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant fl-argumenti difensjonali minnu vantati, illi kien jeżisti stat ta' fatt li unilateralment inbidel minnu, stat ta' fatt li minnu kienu naxxenti xi drittijiet ta' servitu' ta' prospett, dawl u arja li kienet tgawdi l-kwerelanti u li l-appellant iddeċieda li jagħlaq bil-bini ta' ħajt fil-proprejta' tiegħu għaliex jikkontendi illi huwa seta' jagħmel dan fil-proprjeta' tiegħu u dan għaliex l-kwerelanti ma tgawdi ebda drittijiet petitorji jew ta' servitu'. L-appellant għalhekk użurpa għalih innifsu il-poter mogħti lill-awtorita' pubblika sabiex jagħmel hu minn jeddu dak li dehrlu kien dritt tiegħu li jagħmel.

Dan ifisser illi tirriżulta ir-reita' ghall-imputazzjoni addebitata lill-appellant. Il-fatt illi il-ħajt inbena interament fil-proprjeta' tiegħu, kif jargumenta, ma jistax jeradika mid-drittijiet tal-kwerelanti li kienet sa dak il-mument qed tgawdi dritt ta' prospett, dawl u arja minn dawn l-aperturi, għalkemm dan id-dritt kien qed jiġi kkontestat. Di fatti fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bongailas**[5], il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat hekk –

> **L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll**

[4] Fol.28

[5] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u datata 22.10.2001.

**il-proprjeta'' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.**

**Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.**

**Id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le la pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.**[6]

Fuq kollox, illi l-kelma 'spolja' għandha sinifikat wiesgħa mogħti mill-istess artikolu 85 fejn fost oħrajn att spoljattiv jikkonsisti wkoll f' **li wieħed b'mod ieħor kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor**.' Il-Qorti kompliet tgħid dan ir-reat huwa intiż biex "jipprevjeni li wieħed, flok ma jirrikorri għall-proċedura skont il-liġi (ċivili), jieħu l-liġi b'idejh". Li huwa proprju dak li seħħ f'dan il-każ meta ttella' ħajt kważi jmiss mat-twieqi li hemm fil-proprejta' tal-kwerelanti, bl-appellant finalment iressaq il-każ tiegħu quddiem il-qorti ċivili biex il-kwistjoni tiġi determinata minn dik l-awtorita' ġudizzjarja li għandha s-setgħa tiddeċiedi il-limiti tad-drittijiet spettanti lil kull wieħed mill-partijiet. Setgħa, jerġa' jingħad, li ċertament mhijiex fdata f'idejn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant, tiddikjara is-sentenza appellata nulla, u bis-saħħa mogħtija lilha fl-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tgħaddi biex tiddeċiedi l-appell fil-mertu, u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, ssib lill-appellant ħati tal-imputazzjoni lilu addebitata, u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €150. B'applikazzjoni tal-artikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-appellant ineħħi l-ħajt li jimblokka l-aperturi fil-proprjeta' tal-kwerelanti sabiex b'hekk jerġa' iqiegħdha fit-tgawdija tal-

[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imħallef William Harding u datata l-24 ta' Ġunju 1961.

użu ta'l-istess u dan fi żmien tlett xhur mil-lum. Id-drittijiet ċivili spettanti lil partijiet jibqgħu impreġudikati b'din is-sentenza.

**Edwina Grima**
**Imħallef**